# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA
## LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 47/2017 BS**

**Michael Buttiġieg**

**-vs-**

**Grace Farrugia**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur Michael Buttiġieg[1] illi ppremetta:**

[1] A fol 1 sa 4, dokumenti annessi a fol 5 sa 31.

1. ILLI r-rikorrenti huwa l-proprjetarju ta' sqaq mingħajr numru u mingħajr isem li jiżbokka fi Triq San Ġakbu, [in-]Nadur, Għawdex tal-kejl ta' cirka tnejn u ħamsin metru kwadru (52 m.k.), liema sqaq jinsab immarkat bl-ittra C fuq il-pjanta Dok. A;

2. ILLI l-imsemmi sqaq ġie akkwistat mir-rikorrenti Micheal Buttiġieg permezz ta' att ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech datat 5 ta' Marzu 1998 (Dok. B) kif sussegwentement korrett permezz ta' att ieħor ippublikat fl-atti tal-istess Nutar Mariosa Grech datat 30 ta' Awwissu 2016 (Dok. C);

3. ILLI l-istess rikorrenti rreġistra t-titolu tiegħu fuq l-istess sqaq permezz ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet, Għawdex li ġġib in-numru LRAG 1707/16 (Dok. D), u dana kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. ILLI l-intimata qiegħda timpedixxi lir-rikorrenti milli jgawdi dan id-dritt tiegħu ta' proprjetà billi imliet [sic] parti mill-imsemmi sqaq b'oġġetti, materjali u depożiti oħra b'tali mod u manjiera li r-rikorrenti ma jistgħax [sic] jagħmel użu u l-inqas biss jgħaddi minn dan l-imsemmi sqaq;

5. ILLI minkejja diversi interpellazzjonijiet lill-intimata Grace Farrugia sabiex tiddesisti milli tkompli taġixxi b'dan il-mod illegali u abbużiv u sabiex tirriprestina s-sitwazzjoni, fosthom bl-ittra uffiċjali bin-numru 35/2017 li ġiet ppreżentata fis-26 ta' Jannar 2017 (Dok. E), l-intimata baqgħet ma neħħietx l-oġġetti, materjali u depożiti oħra li poġġiet fl-imsemmi sqaq;

6. ILLI għalhekk l-esponenti kellu jipproċedi b'din il-kawża abbażi tal-*actio rei vendicatoria* biex jiġi determinat li dak li sar mill-intimata sar fuq art proprjetà tar-rikorrenti u għalhekk hija qiegħda tokkupa parti mill-art appartenenti lir-rikorrenti;

7. ILLI dawn il-fatti qed jiġu dikjarati minn Michael Buttiġieg li għandu konoxxenza proprja tagħhom.

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

i. Tiddikjara jekk ikun il-każ illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-isqaq mingħajr numru u mingħajr isem li jiżbokka fi Triq San Ġakbu, [in-]Nadur, Għawdex tal-kejl ta' cirka tnejn u ħamsin metru kwadru (52 m.k.), liema sqaq huwa mmarkat bl-ittra C fuq il-pjanta annessa bħala C;[2]

ii. Tiddikjara li l-intimata daħlet fil-proprjetà tar-rikorrenti u imliet [sic] l-imsemmi sqaq b'oġġetti, materjali u depożiti oħra u konsegwentement q[i]egħda tokkupa parti mill-istess sqaq illegalment, abbusivament [sic] u bla ebda titolu fil-liġi;

iii. Tordna lill-intimata sabiex tirripristina s-sitwazzjoni għal dik prevalenti qabel ma imliet [sic] l-imsemmi sqaq b'oġġetti, materjali u depożiti oħra u tiddesisti milli tokkupa l-art bi kwalunkwe mod u tirrilaxxa l-imsemmi sqaq okkupat minnha illegalment [sic] u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

[2] Jidher li hawnhekk hawn żball tal-pinna stante li l-pjanta hija fil-fatt annessa mar-Rikors Ġuramentat bħala dokument "A".

iv. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmel huwa dawk ix-xogħolijiet [sic] neċessarji msemmija fit-tielet talba a spejjeż tal-intimata, anke jekk hemm bżonn taħt is-sorveljanza ta' Perit imqabbad għal dan il-għan minn din l-Qorti u dan kollu a bażi ta' dak li ntqal fuq u għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż kollha [i]nklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 35/2017 kontra l-intimata li minn issa hija [i]nġunta għas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kovenuta Grace Farrugia[3] illi eċċepiet:**

(1) ILLI t-talbiet tar-rikorrent huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent stante li l-isqaq huwa intiż biss biex jipprovdi aċċess bir-riġel u tali aċċess bir-riġel kien u għadu liberament disponibbli għar-rikorrent;

(2) ILLI l-parti li r-rikorrent qiegħed jippretendi li tifforma parti mill-isqaq u li r-rikorrent qiegħed jallega li qegħda tiġi ostakolata b'oġġetti, materjali u depositi [sic] oħra hija fil-pussess tal-intimata u għalhekk huwa r-rikorrent li jrid juri mingħajr dubju kwalsiasi li huwa għandu titolu għal din il-parti kif wkoll għall-isqaq kollu kemm hu qabel mal-azzjoni tista' timxi 'l quddiem;

(3) ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimata u l-awturi fit-titolu tagħha ilhom għal aktar minn sittin sena jiddepositaw [sic] oġġetti, materjali u depositi [sic] oħra fl-istess strixxa ta' art li r-rikorrent qiegħed issa jqis bħala

[3] A fol 35 sa 37.

estensjoni tal-isqaq u għalhekk josta għall-azzjoni tar-rikorrent l-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-istrixxa ta' art li r-rikorrent qiegħed issa jqis bħala li tifforma parti mill-isqaq u li fiha l-intimata q[i]egħda tiddeposita [sic] l-oġġetti relatati mal-ġestjoni tal-forn kienet oriġinarjament parti mill-art tal-awturi fit-titolu tal-intimata u li fuqha inbena l-forn. Din il-parti baqgħet ma inbnietx [sic] propju biex l-istess awturi fit-titolu tal-intimata u eventwalment l-intimata jkunu jistgħu jużaw din l-istrixxa ta' art biex huma jiddepositaw [sic] l-injam u oġġetti oħra li jintużaw għall-forn;

(5) ILLI per konsegwenza t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-interità tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent;

(6) SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

(7) ILLI b'riferenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat l-esponenti tiddikjara li l-paragrafi tar-rikors ġuramentat huma kollha kontestati għar-raġunijiet indikati f'din ir-risposta ġuramentata.

**Fliet l-atti kollha;**

**Rat** li fis-seduta tal-10 ta' April, 2018 l-attur iddikjara li ma kienx fadallu aktar provi xi jressaq;[4]

[4] Verbal a fol 60.

**Rat** li b'digriet tas-19 ta April, 2020 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża 125/2003 PC fl-ismijiet ***Maria Meilak vs Maria Attard et***;[5]

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fil-5 ta' Marzu, 2021;[6]

**Rat** li fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2021, wara li ppreżentat nota b'dokumenti,[7] il-konvenuta ddikjarat il-provi tagħha magħluqa u l-kawża ġiet differita għall-kontroeżamijiet;[8]

**Rat** ir-rikors tal-attur tal-11 ta' Novembru, 2021[9] fejn talab l-allegazzjoni tal-atti tad-deċiżjoni numru 125/2003 PC mogħtija nhar is-7 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet ***Maria Meilak vs Maria Attard u Grace Farrugia***. **Rat ukoll** li fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2021 din it-talba ġiet irtirati stante li l-allegazzjoni tal-atti mitluba kienet diġà seħħet b'digriet tas-19 ta' April, 2020;[10]

**Rat** illi b'rikors ulterjuri tal-attur,[11] l-attur talab li jesibixxi diversi ritratti meħuda mill-ajru (*aerial photos*) u pjanti li juru l-istat tal-isqaq mertu ta' din il-vertenza tul iż-żminijiet. **Rat** ir-risposta tal-konvenuta għall-istess.[12] **Rat ukoll** li din it-talba ġiet miċħuda;[13]

**Rat** li fis-7 ta' Jannar, 2022, inżamm aċċess fuq il-post u rat it-traskrizzjoni relattiva għall-istess;

[5] A fol 196.
[6] A fol 242 sa 243.
[7] A fol 246 sa 283.
[8] A fol 284.
[9] A fol 313 sa 314.
[10] Verbal tal-24 ta' Novembru, 2021.
[11] A fol 315.
[12] Ippreżentata nhar l-1 ta' Diċembru, 2021.
[13] Digriet tal-10 ta' Diċembru, 2021.

**Rat** li fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2022, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Rat** li man-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu l-attur ippreżenta dokument għal liema saret oġġezzjoni u ntalab l-isfilz b'rikors tal-konvenuta tal-5 talulju, 2022 wara liema rikors il-Qorti ordnat l-isfilz tad-dokument permezz ta' digriet tal-5 ta' Awwissu, 2022.

**Rat** ukoll l-atti proċedurali tal-kawża li waslet għad-deċiżjoni numru 125/2003 PC mogħtija nhar is-7 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet ***Maria Meilak vs Maria Attard u Grace Farrugia***.

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Michael Buttiġieg**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[14] Jgħid li l-isqaq huwa proprjetà tiegħu u li dan wirtu mingħand missieru. Isemmi l-kuntratt ta' diviżjoni li sar fl-1998 u l-att korrettorju tal-2016. Itenni li l-isqaq kien għadda għand missieru b'wirt tal-ġenituri tiegħu. Isemmi wkoll li huwa rreġistra l-isqaq mar-Reġistratur tal-Artijiet.

[14] A fol 40 sa 42.

Jiddeskrivi l-isqaq bħala wiesa' madwar seba' (7) piedi u jgħid li meta huwa kien żgħir dan l-isqaq dejjem kien miftuħ u mingħajr ingombru fih, tant li missieru kien jgħaddi minn hemm bil-ħmar bil-karrettun mgħobbi bit-tiben. Jgħid li huwa kien saħansitra jgħaddi mill-isqaq b'*van* sabiex jiġbor il-weraq tad-dindja [sic].

Jgħid ukoll li missier il-konvenuta, Pawlu Attard, kien jgħaddi mill-isqaq ukoll bil-ħmar bil-karrettun għax dan kellu remissa fuq wara tal-forn. Il-karrettun kien iżommu f'din ir-remissa. Meta għadda ż-żmien Pawlu Attard beda jgħaddi mill-isqaq bil-moħriet u karru li kien wiesa' madwar erba' jew ħames piedi. L-istess kien jagħmel ibnu Frank Attard. Isostni li kemm Pawlu kif ukoll Frank dejjem ġabru l-moħriet u l-karru fir-remissa u qatt ma tefgħu xejn fl-isqaq u dejjem ħallewh nadif altrimenti ma kinux ikunu jistgħu jgħaddu bil-moħriet u l-karru.

Jgħid li meta miet Frank Attard dan il-moħriet baqa' fl-isqaq u ma ddaħħalx lura fir-remissa, tant li llum qed jimblokka l-aċċess. Ikompli li ttellgħet tinda bil-*frame* sabiex dan il-moħriet jitgħatta u l-ingombru żdied u l-passaġġ djieq għal żewg (2) piedi biss biex illum tgħaddi biss bir-riġel u moħriet ma jgħaddix.

Jgħid ukoll li wara li miet Frank Attard l-oġġetti relatati mal-forn li qabel kienu jinżammu mal-faċċata tal-forn, inkluż *pellets* tal-injam u tankijiet mimlijin ħatab, bdew jintefgħu fl-isqaq. Iżid li dawn l-oġġetti qed inaqqsu il-wisa' tal-passaġġ u mhux qed iħalluh igawdi dak li hu tiegħu.

Jgħid li huwa mar ikellem lill-konvenuta biex tneħħi l-oġġetti li hemm fl-isqaq iżda kien kollu għalxejn u għalhekk fetaħ il-kawża.

**In kontroeżami**,[15] jgħid li l-isqaq kien f'idejn il-familja tiegħu għax missieru kien wirtu mingħand ommu u hija kienet wirtitu wkoll. Jaċċetta li fil-kuntratt ta' qasma tal-1998 is-sqaq ma jissemmiex.

Jikkonferma li l-affarijiet spiċċaw fl-isqaq biss wara l-mewt ta' ħu l-konvenuta, Frank Attard. Jgħid li sal-mewt ta' Frank Attard l-isqaq kien nadif. Jikkonferma li Frank Attard miet xi erba' (4) snin qabel (erba' [4] snin qabel it-testimonjanza tiegħu allura fl-2014).

Muri r-ritratti a fol 66 sa 68, jgħid li lil missier il-konvenuta jiftakru jaħdem fil-forn iżda jiċħad li l-materjal tal-forn kien jitpoġġa fl-isqaq. Jinsisti li hu fl-isqaq kien jidħol b'*van* u dan kull meta marru hemm.

Jiċħad li kien hemm blata mtellgħa 'l fuq li tifred l-isqaq. Jgħid li kieku dan kien minnu ma kontx tgħaddi. Rigward il-moħriet li tħalla barra, jgħid li dak ilu hemm sa minn meta miet Frank Attard u t-tinda saret minn dakinhar 'l hawn sabiex jitgħatta. Jgħid li sa qabel miet Frank il-moħriet kien jiddaħħal fir-remissa.

Jgħid li qabel sar l-att korrettorju tal-2016 huma għamlu r-riċerki minn fejn ħareġ li kien hemm dan il-passaġġ.

Jgħid li l-isqaq kien tiegħu u ta' xi ħadd magħruf bħala "Ta' Vestru" però llum huwa tiegħu biss għax huwa xtara sehem Vestru bis-subbasta xi ħdax(11)-il sena ilu (ħdax[11]-il sena mix-xhieda mogħtija fl-2018, allura 2007).

[15] A fol 91 sa 103.

**Mary** ***sive*** **Maria Buttiġieg**, mart l-attur, xehdet permezz ta' affidavit.[16] Tgħid li hija trabbiet fil-fond numru 27, Triq San Ġakbu, in-Nadur, ħdejn il-forn tal-konvenuta li jġib in-numru 21 u għalhekk hija familjari sew mal-akwati fejn hemm il-forn, inkluż l-isqaq.

Tgħid li qabel miet Frank Attard l-affarijiet relatati mal-forn kienu jinżammu fit-triq mal-faċċata tal-forn.

Tgħid li missier il-konvenuta kien kien jgħaddi mill-isqaq bil-karrettun, kemm bil-ħmar u wara bil-moħriet, li kien jiġbor fir-remissa fuq wara tal-forn. Tgħid li l-isqaq fih xi seba' (7) piedi wiesa' u għalhekk huwa kien jgħaddi mingħajr problemi. Tgħid li l-istess kien jagħmel ħuha wara li miet missierhom.

Tgħid ukoll li għalkemm missier u ħu l-konvenuta kienu jużaw l-isqaq biex jgħaddu minnu huma dejjem żammewh nadif u ma kinux iżommu affarijiet fih. Iżżid li dan kien anke a benefiċċju tagħhom għax kieku ma kinux ikunu jistgħu jgħaddu minnu.

Issostni li anke żewġha Michael Buttiġieg kien juża l-isqaq biex jgħaddi minnu, inkluz bil-*van*, sabiex imur fl-għelieqi li għandu hemmhekk.

Tkompli tgħid li wara li miet Frank Attard il-moħriet tiegħu tħalla fl-isqaq u bdew ukoll jitpoġġew *pellets* tal-injam u tankijiet mimlijin ħatab, tant li llum l-aċċess mill-isqaq huwa bir-riġel biss, u dan tant hemm oġġetti fih u minkejja li huwa wiesa' seba' (7) piedi.

---

[16] A fol 43 sa 44.

**In kontroeżami**,[17] tikkonferma li ilha familjari mal-inħawi kemm għandha żmien, ossia, 'il fuq minn sittin (60) sena, kważi sebghin (70) sena. Tgħid li meta kien ħaj Frank Attard l-isqaq kien ikun vojt u nadif għax kienu jgħaddu bil-moħriet sa ġewwa fejn kienu jħalluh iżda wara li miet, billi ma baqgħux jgħaddu bil-moħriet, bdew jitfgħu l-injam. Tgħid li qabel kienu jżommu l-ħatab fuq quddiem u faċċata, imbagħad kelmuhom. Ittenni li qatt ma kien hemm blata fl-isqaq u l-isqaq kien wita. Tgħid li kieku kien hemm blata ma kinux jidħlu bil-moħriet. Tgħid li r-raġel tagħha kien jidħol mill-isqaq kemm bil-moħriet kif ukoll b'*van*. Terġa' tinsisti li sa qabel miet Frank Attard l-isqaq kien *clear*, ma kien hemm xejn għax kieku ma kinux ikunu jistgħu jidħlu bl-imħaret wesgħin ħames (5) piedi.

**Joseph Buttiġieg**, ħu l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[18] Jgħid illi huwa trabba fl-inħawi tal-forn u l-isqaq u ilu madwar tletin (30) sena jgħix fi Triq San Ġakbu. Iżid li meta kien żgħir, huwa u tfal oħra kienu joqogħdu jilagħbu bil-ħatab u njam li l-familja tal-konvenuta kienu jżommu fit-triq, mal-faċċata tal-forn. Iżid li tant kien ikun hemm ħatab għall-ħruq li kien jieħu sa kwazi tliet kwarti tat-triq, sakemm darba marru l-pulizija u talbu lil missier il-konvenuta, Pawlu Attard, biex ineħħi l-ħatab mit-triq u kien għalhekk li dan xtara proprjetà faċċata tal-forn u beda jaħżen il-materjal hemm ġew.

Jgħid li l-isqaq li llum huwa tal-attur, ħuh Michael, huwa wiesa' xi seba' (7) piedi għal xi mitt (100) pied tul.

Jgħid li sakemm damu ħajjin Pawlu, missier il-konvenuta, u Frank, ħuha, huma kienu jużaw dan l-isqaq biex jgħaddu minnu

---

[17] A fol 104 sa 112.
[18] A fol 45 sa 46.

bil-karru iżda dejjem żammewh nadif bil-karru u l-moħriet ilkoll miġbura fir-remissa. Jgħid li l-karru kien wiesa' xi erba' jew ħames piedi. Iżid li kien biss wara li miet Frank Attard li l-isqaq imtela bl-oġġetti. Itenni li huwa ġieli ra lil Michael Buttiġieg u lil Anthony jgħaddu mill-isqaq sabiex imorru fir-raba' li għandhom aktar 'il ġewwa.

**In kontroeżami**,[19] muri r-ritratt a fol 68 jgħid li mhux ċert jekk ir-raġel li jidher fih hux Pawlu Attard. Muri r-ritratti l-oħrajn a fol 66 sa 67 jiċħad li fl-isqaq minn dejjem kien hemm affarijiet in konnessjoni mal-forn u li mhux minnu li dawn tpoġġew biss wara mewt Frank Attard. Jgħid li kemm dam ħaj Frank kien jitla' minn hemm bil-moħriet bil-karru warajh.

Jgħid li skont hu l-isqaq huwa tal-attur għax minn dejjem hekk jismagħhom jgħidu. Jgħid li huwa kien jgħaddi mill-isqaq u jiċhad li qatt kien hemm blata li turi qasma fl-isqaq. Jinsisti li l-familja tal-konvenuta hemm isfel kellhom remissa u kienu jibqgħu neżlin bil-karru fiha. Jiċħad li l-karrettun kien jgħaddi mill-isqaq minkejja l-oġġetti li jintefgħu fih u jgħid li ma hux possibbli billi bl-affarijiet fl-isqaq dan jidjieq.

Jgħid li hu kuntratti qatt ma ra iżda dejjem jismagħhom jgħidu li hemm hu tal-attur.

Rigward id-dgħajsa jafferma li ġieli ra d-dgħajsa dieħla jew ħierġa mill-isqaq. Jgħid li ma jistax ikun li l-oġġetti minn dejjem kienu jkunu fl-isqaq għax inkella la kien jgħaddi l-karrettun u lanqas id-dgħajsa.

[19] A fol 116 sa 123.

Jgħid li jiftakar li missier il-konvenuta kellu remissa fit-tarf ta' isfel tal-isqaq. Jiftakar ukoll it-tinda tal-ixkejjer fit-tarf tal-isqaq li kienet barra r-remissa.

Jiftakar ukoll il-*van* jidħol fl-isqaq, iżda ma jiftakarx il-blata timmarka l-qasma.

**Joseph Camilleri**, hu l-mara tal-attur, xehed permezz ta' affidavit.[20] Jgħid li huwa trabba fil-fond numru 27, Triq San Ġakbu, in-Nadur li jiġi viċin il-forn tal-familja tal-konvenuta u għalhekk jaf l-akwati tajjeb, inkluż l-isqaq tal-attur.

Jgħid li l-familja tiegħu kellha mandra biswit dik tal-familja tal-attur, li hija aċċessibbli mill-isqaq tal-attur, u huwa kien iqatta' ħafna ħin jilgħab hemm.

Isostni li qabel miet hu l-konvenuta, Frank Attard, l-affarijiet relatati mal-forn kienu jinżammu fit-triq, quddiem il-forn.

Jgħid ukoll li ċertu Frencu Meilak kellu dgħajsa tas-sajd kbira li kien iżomm ġo remissa li kellha bieb għal ġol-isqaq u din id-dgħajsa kien jgħaddi biha mill-isqaq.

Iżid li jiftakar lil missier il-konvenuta, Pawlu Attard, bil-karru, l-ewwel bil-ħmar imbagħad bil-moħriet, u li dan, u ibnu Frank Attard warajh, kienu jgħaddu bil-karru mill-isqaq u jiġbru l-istess f'remissa li tiġi wara l-forn. Jgħid li l-karru kien wiesa' xi erba' jew hames piedi. Jgħid li f'ħajjet Pawlu u Frank l-isqaq dejjem inżamm nadif u li ma kienx hekk huma stess ma kinux ikunu jistgħu jidħlu minnu.

[20] A fol 47 sa 48.

Jgħid li r-ragel ta' oħtu, Michael (l-attur) u ħuh Toni kienu wkoll it-tnejn jgħaddu mill-isqaq b'Michael saħansitra kien jgħaddi b'*van*.

Jgħid li wara li miet Frank Attard, hu l-konvenuta, il-moħriet tħalla fl-isqaq u qed jingombra l-istess.

Itenni li l-oġġetti li qed jitpoġġew fl-isqaq bdew jitħallew hemm minn wara li miet Frank Attard. Jgħid li qabel dan, l-istess oġġetti l-ewwel kienu jkunu fit-triq sa ma' missier il-konvenuta kien xtara proprjetà faċċata tal-forn sabiex jiġborhom fiha. Jisħaq li tant hemm oġġetti li sqaq ta' seba' (7) piedi llum tista' tgħaddi minnu biss bir-riġel.

**In kontroeżami**,[21] jgħid li huwa l-isqaq dejjem jafu tan-nanna tal-attur Michael Buttiġieg jisimha Tumasa. Jgħid li huwa trabba u kiber hemm u kienu jkunu jilagħbu hemm, inkluż fl-isqaq. Jgħid li jaf li hemm tal-familja tal-attur għax dejjem hekk semagħhom jgħidu. Fuq Frenċu Meilak jinsisti li kellu maħzen hemm b'bieb għal ġo dan l-isqaq u fih kien iżomm dgħajsa. Jgħid li ġie li nzertah dieħel jew ħiereġ minn hemm bid-dgħajsa. Jiftakar li kien nake jgħinu jpoġġi l-injam taħt id-dgħajsa sabiex ikun jista' jkaxkara. Muri r-ritratt a fol 66 sa 68 tal-proċess jgħid li ma jiftakarx dawk l-affarijiet hemm u li l-isqaq dejjem nadif jiftakru. Jgħid li tant u hekk li anke bil-karrettun kienu jidħlu. Jgħid b'dawk l-affarijiet li jidhru fir-ritratti kieku karrettun ma jgħaddix żgur u anqas dgħajsa. Jgħid li bil-karrettun inzertahom deħlin diversi drabi. Jinsisti li lil Pawlu Attard jiftakru sew u l-karrettun ma kienx iżommu fl-isqaq iżda f'remissa f'tarf l-isqaq, fuq wara tal-isqaq.

[21] A fol 124 sa 133.

Jinsisti li jiftakar lill-attur dieħel fl-isqaq b'*van*. Jgħid li jaħseb li l-*van* kien jisimha 'Komet' jew xi ħaġa simili u li l-attur rah hu stess dieħel bih fl-isqaq.

Jinsisti li huwa kiber hemm, kemm-il darba daħal fl-isqaq, u blata li tidentifika xi tip ta' qasma fl-isqaq (diviżjoni) ma jiftakarx u qatt ma ra.

Jgħid li l-oġġetti li jidhru fir-riratti li ġie muri ma kinux hemm fi żmien missier il-konvenuta żgur għax dan kien jidħol bil-karrettun u l-istess baqa' jagħmel ħuha Frank Attard. Jgħid li Frank forsi ilu mejjet ħames (5) snin (ħames [5] snin mix-xhieda tiegħu mogħtija fl-2019, allura, mill-2014) u qabel dan l-isqaq ma kienx hekk żgur għax kienu jgħaddu minnu bil-moħriet bil-karru. Jgħid li l-imbarazz spiċċa hemm bilfors wara l-mewt ta' Frank, hu l-konvenuta.

**Carmen Attard**, li trabbiet u toqgħod fi Triq San Ġakbu, in-Nadur, xehdet permezz ta' affidavit.[22] Tgħid illi hija tgħix fl-inħawi tal-forn u għalhekk l-isqaq li huwa tal-attur Michael Buttiġieg u li qabel kien ta' missieru hi tafu sew, anke għaliex missierha kien talab il-permess ta' missier l-attur sabiex għamel maħżen li jagħti għal ġol-isqaq.

Tikkonferma li missierha kellu dgħajsa tas-sajd li kien iżomm f'dan il-maħżen u li kien jgħaddi mill-isqaq b'din id-dgħajsa. Tgħid li d-dgħajsa kienet wiesgħa xi sitt (6) piedi. Tgħid li peress li l-isqaq huwa wiesa' xi seba' (7) piedi u d-dgħajsa sitta (6), biex jimbuttawha għal ġol-maħzen mill-isqaq ma kinux jistgħu joqogħdu maġenba.

---

[22] A fol 49 sa 50.

Rigward l-oġġetti relatati mal-forn tal-familja tal-konvenuta tikkonferma li dawn għal bidu kienu jinżammu kollha fit-triq mal-faċċata tal-forn.

Tgħid ukoll li sakemm l-isqaq kien qed jintuża minn missier u hu l-konvenuta, Pawlu u Frank Attard, li kienu jgħaddu minnu bil-karru wiesa' xi erba' jew ħames piedi li kienu jħallu f'remissa wara l-forn, l-isqaq kien ikun dejjem nadif. Tgħid li kieku dan mhux minnu huma stess ma kinux ikunu jistgħu jgħaddu mill-isqaq. Tgħid li kien wara l-mewt ta' Frank Attard li l-oġġetti kollha għall-użu fil-forn bdew jintefgħu fl-isqaq u llum ma tistax tgħaddi minnu jekk mhux bir-riġel.

**In kontroeżami**,[23] tgħid li hija taf li s-sqaq huwa tal-attur u li qabel kien ta' missieru billi hija kienet toqgħod hemm u l-mandra kienet magħrufa bħala "Ta' Tumas". Tikkonferma li l-maħżen li kellu missierha fejn kien idaħħal id-dgħajsa għadu hemm sal-lum, li huma kienu bigħuh, u li dan kellu żewġ tarġiet. Tgħid li d-dgħajsa kienet kbira tant li ma setax ikun hemm xagħra waħda mal-ħajt għax ma tgħaddix mill-isqaq. Tgħid li d-dgħajsa kienu jimbuttawha minn wara, u xi ħadd jiġbed minn quddiem. Tgħid li kienu jġorruha bl-idejn bejn erbgħa jew ħamsa min-nies u jerfgħuha it-tarġiet għal ġol-maħżen. Tinsisti li d-dgħajsa kienet tidħol hemm, mhux in-nases biss u tgħid li ġie li kien hemm huma u jdaħħlu d-dgħajsa.

Murija r-ritratti a fol 148 sa 152 tal-proċess, tgħid li dak il-moħriet ma kienx ikun hemm.

Rigward iċ-ċirku li miegħu jorbtu l-ħmar tgħid li ma tiftakarx iżda tiftakar lil Pawlu Attard dieħel fl-isqaq bil-ħmar bil-

[23] A fol 139 sa 147.

karrettun għal ġor-remissa li kellu. Tgħid li qatt ma rat armarju mdendel mal-ħajt fejn kienu jistivaw il-ħatab. Tgħid li qabel ma' l-familja tal-konvenuta poġġew it-tankijiet bil-ħatab fihom dan l-isqaq kien *clear*. Murija l-istess ritratti a fol 148 sa 152 tal-proċess tgħid li l-affarijiet li jidhru fihom qatt ma rathom hemm. Tgħid li hija qabel siefret kienet tkun dejjem fl-isqaq u l-ġebel li jidher fir-ritratti ma tafux hemm. Tgħid forsi dan sar qabel siefret hi. Tinsisti li tiftakar li familt il-konvenuta fir-remissa kienu jdaħħlu ħmara bil-karrettun b'kollox. Tinsisti li hi kienet tikinsu l-isqaq u kien ikun *clear*. Tiċħad li qatt għaddew vetturi mill-isqaq.

**Anthony Buttiġieg**, hu l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[24] Jgħid li l-isqaq huwa proprjetà tal-attur. Jgħid li kemm hu u ħuh it-tnejn jaħdmu r-raba' u kienu jgħaddu mill-isqaq biex jaslu fir-raba' tagħhom u dan kemm bil-*van* kif ukoll bir-riġel.

Jgħid li jiftakar meta kien qed jinbena l-forn. Jgħid li missier il-konvenuta, Pawlu Attard kien talab lin-nanna tiegħu, Carmena Buttigieg, jekk jistax jgħaddi mill-isqaq bil-karrettun u l-ħmar ħalli ma jkollux għalfejn jgħaddi mill-forn. Jgħid ukoll li nanntu ħalliet lil Pawlu Attard jgħaddi mill-isqaq sabiex jiddobba. Iżid li jiftakar lil Pawlu Attard dieħel mill-isqaq bil-karru, wiesa' xi erba' jew ħames piedi, l-ewwel bil-ħmar u aktar reċenti bil-moħriet, għal ġo remissa wara l-forn fejn kien jitħalla l-istess karru. L-istess kien jagħmel ibnu Frank Attard warajh.

Jikkonferma li l-isqaq dejjem inżamm nadif u Attard kienu jgħaddu minn hemm bil-karru, l-ewwel bil-ħmar u wara bil-moħriet, mingħajr tfixkil. Iżid li l-oġġetti tal-forn bdew jinżammu fl-isqaq wara l-mewt ta' ħu l-konvenuta, Frank Attard, u li fl-isqaq tħalla wkoll il-moħriet, u dan naqqas ferm l-aċċess mill-

[24] A fol 51 sa 52.

isqaq. Iżid li fl-isqaq illum hemm il-moħriet ta' Attard, injam, *pellets,* u tankijiet mimlijin ħatab.

**In kontroeżami**,[25] jgħid li missieru akkwista l-isqaq b'wirt tal-ġenituri tiegħu u li llum dan spiċċa għand ħuh, l-attur, wara li l-aħwa qasmu l-wirt imħolli mill-ġenituri tagħhom. Jgħid li s-sqaq issemma fil-kuntratt tal-qasma. Jinsisti li huma kienu jgħaddu mill-isqaq b'*van,* li jaħseb li kien *'Bedford',* li ġieli saq hu stess. Jgħid li safejn jaf hu l-aħħar li għaddew bil-*van* kien xi erbgħin (40) sena ilu. Jgħid li huwa jgħaddi minn hemm ta' spiss u muri r-ritratti jgħid li l-moħriet niżlu hemm Frank Attard, hu l-konvenuta, u telquh hemm wara li miet l-istess Frank. Jgħid li qatt ma jiftakar armarji għall-ħazna tal-injam fl-isqaq u l-isqaq jafu *clear*. Jgħid sa tmien jew disa' snin ilu kien *clear*. Muri r-ritratt a fol 68 tal-proċess jgħid li jagħraf l-isqaq iżda jtenni li l-isqaq ma kien ikun fih xejn.

Jgħid li ma jiftakarx id-dgħajsa. Jikkonferma li jiftakar lil Pawlu Attard jitlob il-permess ta' nanntu Karmela Buttiġieg sabiex jagħmel bieb biex ikun jista' jgħaddi mill-isqaq bil-ħmar. Jgħid li huwa dakinhar kien preżenti u għadu jisimgħu jsaqsiha. Jgħid li Pawlu saqsa lil nanntu quddiemu b'missieru maġenbu u missieru qal lil nanntu tħallih. Jgħid li missieru kont tiddobba miegħu. Jgħid li dan ġara meta Pawlu, missier il-konvenuta (magħruf bħala l-Maxokk) kien qed jibni d-dar u l-forn u huwa (ix-xhud) kellu madwar għaxar (10) snin. Iżid li huma qatt ma talbu biex jingħalaq il-bieb li kien fetaħ Pawlu, missier il-konvenuta għal fuq l-isqaq.

[25] A fol 153 sa 161.

**John Camilleri** kif ukoll **Joseph Buttiġieg** taw l-istess verżjoni b'affidavit kull wieħed.[26]

**Joseph Buttiġieg** in **kontroeżami**,[27] jgħid illi huwa ħu l-attur Michael Buttiġieg. Jgħid li l-isqaq għadda għandhom b'wirt u mhux għax akkwistawh. Jikkonferma li kienu jaħdmu l-għelieqi għal liema kienu jidħlu mill-isqaq. Jgħid li ma jafx li kien hemm xi bi blata fl-isqaq.

Jikkonferma li kienu jidħlu fl-isqaq bil-ħmara bil-karrettun u l-istess kien jagħmel missier il-konvenuta peress li għandu remissa hemm wara. Jgħid li l-karru missier il-konvenuta kien iżommu fir-remissa u qatt ma jafu jħalli l-karru fl-isqaq. Jiftakar ukoll li ġieli kien hemm moħriet fl-isqaq, kif ukoll il-karrettun iżda dan kien ikun sa ma jiddaħħlu fir-remissa.

Rigward il-*van* tagħhom li qal li kien jgħaddi mill-isqaq jgħid li ma jiftakarx il-marka tal-*van* iżda jgħid li kien wiesa' daqs karozza normali. Muri r-ritratti a fol 66 sa 68 tal-proċess jgħid li meta huma kienu jużaw l-isqaq dan kien ikun dejjem nadif, kienu jidħlu qisu xejn bil-ħmara bil-karru. Jgħid li ma baqax imur hemm aktar 'l hemm billi ma messx lilu l-isqaq.

**Angelo Meilak**, ħu Carmen Attard, jikkonferma l-verżjoni tagħha permezz tal-affidavit tiegħu.[28]

**In kontroeżami**,[29] xehed illi fil-maħzen missieru kien idaħħal dgħajsa u n-nases tas-sajd. Jispjega li sabiex tidħol fil-maħżen id-dgħajsa kienu jerfgħuha fuq l-idejn peress li l-maħżen għandu

[26] A fol 53 sa 54 – affidavit ta' John Camilleri u a fol 59 – dak ta' Joseph Buttiġieg.
[27] A fol 80 sa 86.
[28] A fol 57 sa 58.
[29] A fol 69 sa 79.

tarġa. Jgħid li d-dgħajsa ma fihiex magna u hija madwar tlettax(13)-il pied twila u sitt (6) piedi wiesgħa.

Jispjega li karozza tgħaddi mill-isqaq iżda bid-dritt għax m'għandhiex fejn iddawwar. Jispjega li n-nases li jsemmi kienu wesgħin aktar minn sitt (6) piedi. Jikkonferma li missier il-konvenuta kien jidħol bil-karrettun fl-isqaq, u jdaħħal il-ħmara fir-remissa li kellu wara l-forn. Jgħid li probabbli l-karrettun tiegħu għadu fir-remissa sal-lum. Jgħid li llum fl-isqaq tħalla moħriet. Jinsisti li ma jafx kienx dejjem idaħħal il-karru però l-isqaq hu dejjem jafu battal.

Itenni li meta marru Attard jgħixu fejn hemm il-forn ma kienx hemm bini, imbagħad bnew il-forn. Jgħid li l-isqaq kien ikun nadif, imbagħad kienu bdew jimlew it-triq bil-ħatab u għamlu snin hekk sakemm marru l-Pulizija, imbagħad bdew jiftgħu l-ħatab u oġġetti relatati f'post li għandhom hemmhekk u wara dan bdew jitfgħu l-materjal fl-isqaq. Muri r-ritratti a fol 66 sa 68 jinsisti li l-oġġetti tal-fron bdew jinxteħtu fl-isqaq kif spjegat minnu. Jinsisti li xħin lill-familja tal-konvenuta waqfuhom milli jżommu l-affarijiet fi triq beda jiġi mimsus l-isqaq. Jinsisti li tant kien nadif l-isqaq li kienu jgħaddu bin-nases tal-arznell li huma kbar, kważi daqs l-isqaq, u kienu jgħaddu mingħajr xkiel.

Jiċħad il kien hemm blata li kienet timmarka linja ta' proprjetà. Jgħid ukoll li lill-missier il-konvenuta huwa kien kellmu sabiex inaddaf l-isqaq.

**John Camilleri** in **kontroeżami**,[30] jgħid li l-isqaq qiegħed fl-istess triq li kien jgħix fiha. Jgħid li midħla tal-post billi kien jgħaddi mill-isqaq għax il-mandra tad-dar tiegħu tmiss mal-mandra tal-

[30] A fol 169 sa 182.

attur. Jgħid li l-attur jiġi r-raġel tat-tifla tiegħu. Jgħid li lill-missier il-konvenuta, Pawlu Attard, kemm-il darba nzertah dieħel fl-isqaq bil-karrettun u bil-moħriet.

Jgħid li l-ħatab qabel kienu jinżammu fit-trqiq, imbagħad kienu xtraw dar faċċata tal-forn u kienu jpoġġuh fiha.

Muri r-ritratti a fol 66 sa 68, jgħid li r-ritratti m'huwiex qed jagħrafhom.

Rigward il-moħriet jgħid li qatt ma ra l-moħriet ipparkjat fl-isqaq għalkemm jiftakar li missier il-konvenuta u ħuha kienu jużawh. Jgħid li l-moħriet baqa' parkeġġjat ġol-isqaq quddiem ir-remissa tal-familja tal-konvenuta wara li miet ħuha Frank.

Muri r-ritratt a fol 151 jgħid li fuq il-ġebel li jidher hemm m'għandux idea. Jgħid li l-isqaq huwa dejjem wiesa' jafu.

Jgħid li mill-isqaq kienu jgħaddu huwa, Pawlu u Frank Attard (missier u ħu l-konvenuta), kif ukoll l-attur, Michael Buttiġieg li jiġi r-ragel ta' bintu. Jgħid li l-attur kien jidħol bil-*van* mill-isqaq sabiex jgħabbi l-weraq u jiċħad li l-weraq tad-dindja [sic] kienu joħorġuhom fl-ixkejjer. Jiċċara li din assunzjoni tiegħu għax ma kienx ikun magħhom però il-*van* dieħla u ħierġa mill-isqaq ra.

Jgħid li ż-żewġ turġien li kellu maħżen li hemm fl-isqaq ma kienx ittellef billi l-isqaq huwa wiesa' bil-*van* xorta kienet tgħaddi. Jgħid li qatt ma ra d-dgħajsa ħierġa mill-isqaq però jaf li Frenċu Meilak kellu dgħajsa kbira u kien iżommha ġo maħżen hemm ġew. Iżid li ma jiftakarx l-armarju mal-ġenb tal-isqaq. Jgħid li lill-familja tal-konvenuta huwa jafhom jaħżnu l-ħatab fit-tankijiet.

Jiftakar ukoll il-ħmar li kellhom l-istess familja tal-konvenuta u jgħid li dan kien ikun barra r-remissa.

Rigward it-tankijiet bil-ħatab jgħid li jiftakar li Pawlu Attard dawn kien iżommhom fit-triq imbagħad ġew il-pulizija u ġegħluh ineħħihom. Jgħid li dan ilu xi ħmistax jew għoxrin sena.

**In rieżami**,[31] jgħid li l-maħżen ta' Meilak kien fl-isqaq. Jgħid li d-dgħajsa bilfors mill-isqaq kellu jdaħħalha fil-maħżen. Jgħid li din ma kinitx żgħira għax kienet luzzu tas-sajd. Jgħid li kienet iżjed minn erba' (4) piedi wiesgħa, jaħseb li xi sitt (6) piedi.

**In kontroeżami ulterjuri**,[32] jgħid li huwa qatt ma rahom deħlin bid-dgħajsa imma jafha hemm għax kien qallu sidha li bena l-maħżen għaliha. Jgħid li d-dgħajsa kienet xi għaxar (10) piedi tul.

**Grace Farrugia,** il-konvenuta, xehdet nhar is-7 ta' Mejju, 2019[33] fejn ikkonfermat ir-ritratti esibiti a fol 66 sa 68 u fol 148 sa 152 tal-proċess bħala ritratti tal-isqaq mertu ta' din il-vertenza meħuda tul diversi snin.[34]

**Xehdet ulterjorment** permezz ta' affidavit.[35] Tgħid illi hija tiġi t-tifla ta' Pawlu Attard, magħruf bħala "Tal-Maxokk". Tgħid li l-forn jagħmel parti mid-dar tal-ġenituri tagħha, liema parti tmiss mal-isqaq mertu tal-kawża u li qabel kienet kamra tas-sodda li kkonvertew f'forn.

[31] A fol 182 sa 183.
[32] A fol 183 sa 184.
[33] A fol 162.
[34] L-istess reġgħet għamlet bl-affidavit tagħha a fol 199 sa 201.
[35] A fol 199 sa 201 b'dokumenti (ritratti) a fol 202 sa 203.

Tgħid li hija fi ċkunitha kienet tilgħab fl-isqaq billi il-familja kellhom l-għelieqi fuq wara tal-forn. Skontha missierha sa minn mindu marru joqogħdu hemm kien minn dejjem iqiegħed iz-zkuk u njam f'armarju li kellu mwaħħal ġol-isqaq, mal-ħajt tal-forn.

Rigward il-ħmar tgħid li matul il-jum, dan kien ikun marbut ma anella li għad hemm sal-lum fil-bidu tal-isqaq u matul il-lejl kien jiddaħħal fir-remissa. Tgħid li l-karrettun tal-ħmar kien ikun taħt tinda li tinsab fit-tarf ta' isfel tal-isqaq li fil-bidu kienet tal-injam. Tgħid li missiera kien ta' kuljum dieħel u ħiereġ mill-isqaq bil-ħmar u l-karrettun.

Iżżid li maż-żmien l-injam tat-tinda tmermer u minflok it-tinda saret tax-xibka ħadra. Tgħid li fejn kien ikun hemm il-karrettun illum hemm il-moħriet li kienu ġabu meta miet il-ħmar.

Tgħid li l-isqaq ma kienx kif inhu llum iżda kien imħarbat u idjaq. Tgħid li dan jidher mill-ħajt tas-sejjieħ li hemm fin-naħa ta' isfel tal-isqaq. Tinsisti li kien missierha li wessa' l-isqaq għaliex rid iżomm il-karrettun u l-ħmar fih. Tgħid li biex wessa' l-isqaq missierha ħa mill-art tagħhom billi waqqa' l-ħajt ta' fejn hemm il-forn u bena ħajt ġdid aktar 'il ġewwa fil-proprjetà tagħhom. Tgħid ukoll li missierha witta l-isqaq bis-siment sabiex jagħmlu aktar faċli biex jgħaddi minnu bil-karrettun.

Rigward l-armarju tgħid li maż-żmien dan tneħħa u minfloku llum hemm it-tankijiet li fihom jinżamm l-injam.[36]

---

[36] F'affidavit ulterjuri ppreżentat aktar tard a fol 252 sa 253, iżżid tgħid li l-ġebel tal-ħajt tas-sejjieħ li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-isqaq jindikaw bil-preċiż kemm kien wisa' l-isqaq. Iżżid ukoll li l-isqaq ma jista' qatt ikun proprjetà tal-attur fl-intier tiegħu stante li dan twessa' minn missierha għal ġol-proprjetà tagħhom billi waqqa' l-ħajt tal-kamra li qabel kienet tas-sodda u issa hija l-forn u daħal 'il ġewwa dik in-naħa. Tippreżenta ritratti

Tgħid li taf li l-attur għandu l-għelieqi f'dawk l-inħawi u tafu jħalli l-*van* fit-triq u jinżel mill-isqaq bil-pass. Tgħid li tafu wkoll jaqta' l-weraq u jitla' bihom fl-ixkejjer fuq daharu bir-riġel sat-triq. Tgħid li l-*van* qatt ma niżel sal-għelieqi.

Rigward id-dgħajsa tgħid li din qatt ma għaddiet minn dan l-isqaq għalkemm nassi ġieli għaddew. Tgħid li x-xhieda mressqa mill-attur ilkoll mhux jgħidu s-sewwa meta jsemmu dgħajsa dieħla mill-isqaq. Tgħid li hija qatt ma siefret, għomra kollu għamlitu fl-inħawi, u hija taf li d-dgħajsa li tissemma fix-xhieda dejjem inżammet f'Daħlet Qorrot.

Tgħid ukoll li ħadd qatt ma ppretenda li sqaq m'huwiex tal-familja tagħha sakemm għamlet kawża kontra tagħha u ta' ommha Maria Meilak fejn allegat li l-isqaq huwa kollu tagħha u din Maria Meilak tilfitha fl-2008.

Tgħid li snin wara dan, l-attur beda jippetendi li l-isqaq huwa tiegħu b'dan bagħat l-ewwel ittra ġudizzjarja rigward il-pretensjoni tiegħu fuq l-isqaq fl-2015, qabel ma saret il-korrezzjoni tal-att ta' diviżjoni bejnu u bejn ħutu.

Tagħmel referenza għar-ritratt ta' fuq a fol 68 tal-proċess fejn jidher missierha, li meta rrilaxxat l-affidavit tagħha fl-2020 kien ilu mejjet madwar sbatax(17)-il sena, fejn fir-ritratt, wara missierhaa, jidher l-isqaq u l-oġġetti relatati mal-forn ġo fih. Tgħid li fir-ritratt tan-nofs fl-istess fol 68 tidher bintha li dakinhar tar-ritratt kellha xi sena u fl-2020 kellha tmienja u tletin (38) sena.

---

addizzjonali a fol 254 sa 263 li juru l-passaġġ de quo u l-affraijiet varji li ssemmi li jinsabu fih.

Tgħid li għalhekk, l-affarijiet illum fl-isqaq għal tal-inqas sebgħa u tletin (37) sena.

**In kontroeżami**,[37] tgħid li mindu kienu tfal, l-isqaq dejjem mimli mbarazz kien, injam u ħatab, u huma, ta' tfal, kienu jgħaddu minnu u jinżlu jilagħbu fl-għelieqi ta' wara. Tgħid li fl-isqaq kien hemm ukoll tisqifa u armarju. Tgħid li kienu jmorru fir-remissa li hemm fit-tarf ta' isfel, fejn kien jinżamm il-ħmar, bil-karrettun jinżamm taħt it-tisqifa. Tiċħad li fir-remissa kienu jitfgħu l-faham u tinsisti li dik kienet tintuża biex joqgħod il-ħmar ġo fiha. Tinsisti wkoll li t-tisqifa li hemm fit-tarf ta' isfel minn dejjem hemm kienet. Iżżid li din tidher fir-ritratti esibiti wkoll u timmarkaha fuq ritratt a fol 68 tal-proċess. Mistqosija jekk ir-ritratti esibiti humiex antiki jew reċenti tinsisti li ritratti tal-armarju l-antik hemm, li fejn jidhru t-tankijiet bil-ħatab huma aktar reċenti, u hemm ritratt fejn jidher missierha, a fol 68 tal-proċess.

Tinsisti li l-karrettun tal-ħmar qatt ma tpoġġa fir-remissa u li fir-remissa kienu jpoġġu l-għodda tal-għalqa flimkien mal-ħmar. Iżżid li z-zkuk u l-injam kienu jinżammu fl-isqaq.

Tgħid li hija qatt ma qalet li l-isqaq huwa tagħhom iżda li jgħaddu minnu biss. Tgħid li n-naħa l-oħra tal-isqaq huwa ta' Meilak. Tgħid li sa issa m'hemmx definit ta' min hu l-passaġġ. Tgħid li fuq naħa tal-isqaq hemm il-proprjetà tagħhom mentri fuq l-oħra hemm ta' Meilak. Tispeċifika iżda li missierha kien wessa' l-isqaq għal ġol-proprjetà tagħhom u għalhekk, il-biċċa li żied hija tagħhom. Ittenni li missierha bena għal ġo tagħhom biex seta' jwessa' l-isqaq. Tinsisti li hija ma tafx ta' min hu l-isqaq

[37] A fol 287 sa 302.

oriġinali imma taf li mit-tankijiet li fihom jinżamm il-ħatab 'il ġewwa huwa tagħhom.

Tinsisti wkoll li missiera kien joħroġ il-ħmar mir-remissa fejn il-karrettun li kien ikun fl-isqaq barra, jorbot lill-ħmar mal-karrettun u jtella' il-karrettun mill-isqaq.

Tispjega li qabel daħlu jgħixu fid-dar fi Triq San Ġakbu, missierha għamel xi tibdil strutturali sabiex wessa' il-passaġġ billi daħal ġo tagħhom fejn kellhom il-mandra.

Tiċħad li xi darba għadda xi *van* jew dgħajsa mill-isqaq jew li dan jista' jseħħ.

**In rieżami,**[38] murija r-ritratti a fol 66 sa 68, a fol 148 sa 152, u a fol 202 u 203 tgħid li l-armarju jidher a fol 66 ritratt JPG2 kif ukoll a fol 67, a fol 148 ritratt GF2 u a fol 149 ritratt GF4. Murija r-ritratti a fol 202 u 203 tagħraf it-tinda li taħtha jżommu l-moħriet kif ukoll l-armarju.

**Carmen Cauchi nee' Attard**, oħt il-konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[39] Tgħid li l-isqaq huwa parti mid-dar tal-ġenituri tagħha fejn hija kienet toqgħod mindu kellha seba' (7) snin sa qabel iżżewġet. Tispjega li l-isqaq għal ewwel kien dejjaq u tar-riġel. Tispjega kif missierha wessa' dan l-isqaq billi ħa biċċa mid-dar tagħhom fejn kibret hija u fejn issa hemm il-forn. Tgħid li għal dan il-għan huwa daħal 'il ġewwa fuq in-naħa tal-proprjetà tiegħu b'mod li wessa' l-isqaq. Tgħid li għamel dan sabiex ikun jista' jinzel bil-ħmar bil-karrettun. Iżżid li l-ħmar kien jintrabat ma' anella fuq quddiem tal-isqaq u l-karrettun jitniżżel isfel fuq

[38] A fol 302 sa 306.
[39] A fol 204 sa 205.

wara. Tgħid li meta miet il-ħmar missierha ġab moħriet b'dan beda jinżamm fejn qabel kien jinżamm il-karrettun taħt tinda li oriġinarjment kienet tal-injam imbagħad saret tax-xibka ħadra.

Tgħid li ħatab u njam għall-ħruq fil-forn kien dejjem ikun fl-isqaq, mal-ħajt tal-forn, u dan sa minn ċkunita u sa ma' missierha dendel l-armarju mal-ħajt tal-forn ġol-isqaq u beda jpoġġi dan il-materjal fl-armarju. Iżżid li wara li tneħħa l-armarju, minfloku tpoġġew it-tankijiet. Tgħid li qatt ħadd ma oġġezzjona li għal dan u anqas għall-ħmar u l-karrettun jew il-moħriet.

Rigward il-*van* tal-attur tgħid li dan dejjem kien iħallih fit-triq u kien jinżel fl-għalqa tiegħu mis-sqaq bir-riġel u jtella' l-weraq bl-ixkejjer. Tgħid ukoll li hija qatt ma rat lill-ħadd għaddej b'dgħajsa minn dan l-isqaq.[40]

**Alfred Attard**, ħu l-konvenuta, xehed b'affidavit.[41] Jgħid li l-isqaq kien ferm idjaq minn dak li hemm illum. Jispjega li kien missieru li wessgħu sabiex ikun jista jgħaddi bil-ħmar u l-karrettun u jħalli l-karrettun in-naħa t'isfel tal-isqaq. Iżid li wara li miet il-ħmar missieru ġab moħriet li beda jħallih fejn qabel kien ikun il-karrettun.

Rigward it-tankijiet jgħid li dawn ma kinux hemm minn dejjem iżda qabilhom kien hemm armarju u qabel dan missierhom kien iserraħ l-injam mal-ħajt tal-forn, fl-isqaq. Meta tmermer l-armarju tpoġġew it-tankijiet.

---

[40] Permezz tal-verbal fol 307 il-kontroeżami ta' Carmen Cauchi ġie rinunzjat mingħajr iżda ma ġiet aċċettata l-veraċità tax-xhieda tagħha.
[41] A fol 206 sa 207.

Jgħid li huwa għamel għomru kollu tiela' u nieżel mill-isqaq għax kellu l-bhejjem fir-raba' hemmhekk. Jgħid li għadu sal-lum ikun hemm sikwit għax baqagħlu r-raba'. Jgħid li huwa qatt ma kien is-safar għalhekk jaf eżatt kif inbiddlu l-affarijiet rigward l-isqaq inkluż x'kien u x'għadu jinżamm fih u minn jgħaddi u ma jgħaddix minn hemm. Jgħid li l-ħmar, moħriet u karru ta' missieru dejjem hemm kienu jinżammu kif kienu u għadhom jinżammu l-oġġetti relatati mal-forn u dan sa minn meta kien għadu tifel hu.

Rigward il-garaxx tal-familja Meilak jgħid li dan jintuża sabiex jinżammu n-nassi fih u dan jafu għax ġie li kien miftuħ u rahom. Jgħid li d-dgħajsa ta' Meilak tinżamm Daħlet Qorrot u qatt ma daħlet fl-isqaq. Jikkonferma wkoll li l-attur ġieli rah iħalli l-*van* fit-triq u mbagħad jgħaddi mill-isqaq bil-pass u jtella' l-weraq mill-għalqa tiegħu bl-ixkejjer. Jgħid li l-*van* qatt m'għadda mill-isqaq għax dan dejjaq wisq għalih.

**In kontroeżami**,[42] jgħid li huwa trabba fil-post fejn hemm il-forn u jaf li l-isqaq ma tantx kien wiesa' u ma kienx hemm wisq spazju u twessa' mill-familja tiegħu. Iżid li dan sar sabiex missieru seta' jħalli fl-isqaq l-ewwel il-karrettun u aktar tard il-moħriet. Jgħid li ma jafx x'sar biex twessa' l-isqaq. Muri r-ritratti a fol 261 u 262 li juru l-armarju fl-isqaq, jgħid li minn meta huma marru jgħixu fid-dar fi Triq San Ġakbu, in-Nadur, missieru dejjem kien ikollu l-ħatab u injam għax kien dejjem bil-forn. Jgħid li l-ħatab u injam kien minn fuq tal-isqaq sa kważi isfel. Mistoqsi mill-Qorti kif jgħid li missieru kien jgħaddi bil-karrettun u wara bil-moħriet jekk kien iżomm l-injam u l-ħatab fl-isqaq, jirrispondi li kien jgħaddi kemm, kemm. Jgħid li l-ħmar kien ikun fl-isqaq imma kellu postu fir-remissa fuq wara tal-isqaq.

[42] Seduta tal-24 ta' Novembru, 2021.

Jgħid li l-armarju kien in-naħa ta' fuq (fil-bidu) tal-isqaq. Jisħaq li huma għandhom parti mill-isqaq u din il-parti hija fuq in-naħa tagħhom, il-fejn kien twessa' l-isqaq. Jgħid li ma jafx ta' minn hu l-kumplament tal-isqaq.

Itenni li qatt ma ra *van* dieħel fl-isqaq.

**In riezami,**[43] jgħid li l-injam u l-ħatab missieru kien jistivah fuq in-naħa tagħhom tal-isqaq, mal-ħajt tal-forn.

**Rita Farrugia**, iz-zija tal-konvenuta, xehdet b'affidavit.[44] Tgħid li hija kienet tgħaddi mis-sqaq kuljum biex tmur id-dar meta kienet tifla. Tgħid li dan l-isqaq kien dejjaq u għalhekk stajt tgħaddi biss bir-riġel. Tirreferi għal blata li hemm fuq in-naħa t'isfel tal-isqaq u tgħid li dik turi l-wisa' oriġinali tal-isqaq.

Tinsisti li r-raġel ta' oħtha (u allura missier il-konvenuta) kien ħa biċċa mill-proprjetà tiegħu sabiex wessa' l-isqaq għax ried jgħaddi mill-isqaq bil-ħmar u l-karrettun u jħalli l-karrettun fih. Tgħid li l-karrettun kien ikun taħt tisqifa fuq wara tal-isqaq. Iżżid li meta mbagħad miet il-ħmar, xtraw moħriet u bdew ipoġġuh fejn kien joqgħod il-karrettun qabel.

Iżżid li tiftakar li mal-ħajt tal-forn missier il-konvenuta kien sa minn dejjem ipoġġi z-zkuk għall-hruq u li qatt ħadd ma kien joqloq dwar dan. Tgħid li llum iz-zkuk jinżammu f'tankijiet.

Tgħid li qatt ma rat lil ħadd għaddej b'xi dgħajsa jew karozza minn dan l-isqaq u li l-attur qatt ma saq il-*van* fl-isqaq imma kien

[43] Fl-istess jum: 24 ta' Novembru, 2021.
[44] A fol 208 sa 209.

jgħaddi minn hemm bir-riġel u jtella' l-weraq fl-ixkejjer għall-*van* parkeġġjat fit-triq. Tgħid li llum, wara x-xogħol li għamel missier il-kovnenuta, wieħed jista' jgħaddi b'moħriet imma mhux b'karozza.

**In kontroeżami**,[45] tgħid li mill-isqaq kienu jgħaddu regolari. Iżżid li minnu ma tistax tgħaddi bil-karozza iżda bir-riġel biss. Tgħid li oħtha, omm il-konvenuta, bniet mal-ħajt tar-remissa li kien diġà hemm fuq wara u dan sabiex l-isqaq twessa'. Tgħid li dan ix-xogħol sar kollu qabel ma oħtha marret tgħix fi Triq San Ġakbu, in-Nadur, bil-familja magħha.

Tinsisti li l-isqaq wessgħetu oħtha, max-xogħol ta' ristrutturar li għamlet. Tgħid li l-isqaq kien bir-riġel biss, wiesa' xi metru, u sakemm twessa' minn oħtha kienu jħallu il-karrettun fit-triq u jniżżlu l-ħmara biss, għal ġor-remissa. Meta l-isqaq twessa' bdew iniżżlu l-karrettun ukoll.

Tgħid li l-ħatab kien jinżamm f'armarju sakemm poġġew it-tankijiet. Iżżid li t-tankijiet ma jostakolawx il-passaġġ.

Ittenni li dgħajjes u karozzi qatt m'għaddew mill-isqaq. Tgħid li minn min hemm kellu dgħajsa kien iħalliha Dahlet Qorrot. Kienu jdaħħlu n-nases biss.

**In rieżami**,[46] tgħid li f'xi żmien kien ikun hemm anke ħatab mal-faċċata tal-forn, fit-triq.

[45] Seduta tal-24 ta' Novembru, 2021.
[46] Fl-istess jum: 24 ta' Novembru, 2021.

**Bernardette Gatt**, bint il-konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[47] Tgħid li hija għandha tmienja u tletin sena (dan fl-2020, meta rrilaxxat l-affidavit tagħha) u li ommha llum tmexxi l-forn li kien tan-nanniet tagħha (allura, tal-ġenituri ta' ommha). Tgħid li hija kienet tkun il-forn sa minn età żgħira, qabel bdiet tmexxih ommha iżda meta ommha kienet diġà taħdem fih, u għalhekk l-isqaq tafu sewwa u sa minn dejjem tiftakar il-ħatab fl-isqaq iserrħu mal-ħajt tal-forn. Tiftakar ukoll li f'xi żmien kien hemm armarju tal-injam li fih in-nannu tagħha, u allura missier ommha, kien iżomm il-ħatab għall-forn. Tgħid li maż-żmien dan l-armarju tmermer u minfloku tpoġġew it-tankijiet. Tgħid li għandha amment li dan seħħ fl-1987.

Tgħid li fuq in-naħa ta' isfel tal-isqaq, ħdejn ir-remissa, dejjem kien hemm tisqifa tal-injam li taħtha nannuha l-ewwel kien iżomm karrettun u wara moħriet.

Tgħid li hija qatt ma rat karozzi deħlin fl-isqaq u tiftakar biss li minn kien jgħaddi minn hemm kien jgħaddi biss bir-riġel.

**In kontroeżami**,[48] tgħid li hija u l-ġenituri tagħha ma jgħixu fil-post ta' mal-forn li kien tan-nanniet tagħha imma hija sa min ċkunita dejjem hemm peress li ommha dejjem fil-forn ħadmet. Tgħid li x-xogħol fil-forn sa filgħaxija. Tgħid li hija u ħutha, wara l-iskola u fis-sajf minn dejjem il-forn.

Iżżid li l-armarju tal-ħatab hija tiftakru mal-ħajt u mhux ġol-ħajt jew taħt il-forn qisu sotterran (*basement*). Tgħid li dan kien fejn illum hemm it-tankijiet. Tgħid li minnu 'l isfel hemm qisu armarju ieħor, ġol-ħajt, fejn kien hemm bħal ħofra u nannuha

[47] A fol 215, b'dokument (ċertifikat ta' twelid tagħha) anness a fol 216.
[48] Seduta tal-1 ta' Marzu, 2022.

kien ipoġġi l-affarijiet fiha. Tgħid li allura jista' jingħad li kien hemm żewġ spazji, l-armarju tal-injam li wara li tmermer ġie rimpjazzat bit-tankijiet u bħal hofra fil-ħajt li kienet kemmxejn aktar l-isfel minn dak tal-injam.

Rigward it-tisqifa ta l-injam tgħid li għalkemm tiftakarha dejjem hemm ma' tiftakarx meta saret l-ewwel darba.

Tgħid ukoll li l-passaġġ mill-isqaq dejjem bir-riġel kien, qatt m'għaddew inġenji ħlief il-moħriet tan-nannu tagħha u l-karrettun qablu. Tgħid li l-moħriet dejjem wasal sa taħt it-tisqifa fejn jitħalla. Tgħid li mill-isqaq il-moħriet kien jgħaddi bil-karretta warajh anke meta kien hemm it-tankijiet u l-armarju, ma kienx ikollu jwarrab it-tankijiet.

**Christopher Farrugia**, iben il-konvenuta, xehed permezz ta' affidavit.[49] Iddikjara li huwa għandu sitta u tletin (36) sena u l-isqaq mertu tal-kawża jafu sew għax kiber hemm. Jgħid li ommu sa minn dejjem taħdem fil-forn tal-ġenituri tagħha, li issa tmexxi hija, u huwa jgħinha wkoll. Jgħid li huwa dejjem jiftakar il-moħriet taħt it-tinda fuq wara tal-isqaq. Rigward il-ħmar jgħid li dan huwa jiftakru xiħ u jiftakar illi nannuh kien joħorġu mir-remissa u jorbtu mal-ħolqa li hemm fit-tarf ta' fuq tal-isqaq. Jgħid li wara li miet il-ħmar nannuh ġab moħriet li qatt ma daħal fir-remissa imma dejjem inżamm barra taħt tinda. Jgħid li dan kien l-iskop tat-tinda, l-ewwel sabiex taħtha jinżamm il-karru u mbagħad il-moħriet. Jgħid li fir-remissa qatt ma kien hemm spazju għall-moħriet għax din mimlija għodda u inġenji.

Jiddeskrivi l-isqaq bħala li dejjem kien ikun mimli imbarazz għax nannuh ma kien jarmi xejn u fl-isqaq mhux ħatab biss kien ipoġġi

[49] A fol 217 sa 219, b'dokument (ċertifikat tat-twelid tiegħu) anness a fol 220.

mal-ħajt tal-forn. Jgħid li anke meta kien hemm l-armarju taħtu xorta kien hemm aktar imbarazz. Jgħid li eventwalment ġabu t-tankijiet u l-injam beda jintefa' fihom u dan kemm għax tmermer l-armarju u kemm għax hekk kollox kien aktar pulit. Jiddikjara li t-tankijiet qegħdin fejn qabel kien hemm l-armarju u fejn qabel l-armarju kien ikun hemm iz-zkuk imserħin mal-ħajt u għalhekkk din il-parti tal-isqaq qatt ma kienet vojta mill-imbarazz. Jgħid li semmai llum l-iktar li hi organizzata. Jgħid li qatt ħadd ma qal xejn rigward it-tankijiet u l-imbarazz li kien hemm qabilhom fl-isqaq.

Jgħid li l-attur mar bil-pretensjoni tiegħu biss meta mietu n-nanniet tiegħu, allura l-ġenituri ta' ommu, il-konvenuta, u zijuh, hu ommu, Frank Attard li kien baqa' ġuvni jgħix fid-dar mal-forn. Jiddikjara li lill-attur huwa qass biss kien jaf min hu.

Jiddikjara li fil-garaxx li hemm fl-isqaq qatt ma daħlu dgħajjes iżda kien hemm biss nases u ħbula u dan jafu għax il-garaxx kien ikun miftuħ. Jgħid li biss, biss, bil-moħriet dejjem taħt it-tinda dgħajsa ma setghet qatt tiddaħħal fil-garaxx.

Rigward il-ġebel li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-isqaq fejn iżommu l-moħriet jgħid li dak dejjem hemm jiftakru u nannuh kien javżahom biex ma jmissuhx.

In **kontroeżami**,[50] jgħid li kienu jqattgħu ħafna ħin fl-isqaq. Itenni li kienu jilagħbu fl-isqaq minkejja l-imbarazz li kien hemm fih. Jgħid li llum hemm anqas imbarazz.

Jgħid li armarji kien hemm tnejn, wieħed toqba fil-ħajt, taħt il-post, u ieħor tal-injam imwaħħal fuq barra, mal-post, għal nofs l-

[50] Seduta tat-30 ta' Marzu, 2022.

isqaq. Rigward it-tinda jgħid li din l-ewwel kienet tal-injam, iżda xi għaxar (10) snin ilu, meta din tmermret, qabbduh jagħmel tinda tad-drapp. Jgħid li t-tinda tal-injam inbniet qabblu u allura huwa dejjem hemm jafha.

Jinsisti li dgħajsa qatt ma daħlet fl-isqaq. Jgħid li hemmhekk il-moħriet ta' nannuh biss jaf dieħel u dan xi darbtejn kuljum. Iżid li l-moħriet dejjem baqa' taħt it-tinda, fuq wara tal-isqaq.

Jinsisti li nannuh kien dejjem jgħidlu sabiex ma jmissx il-ħajt ta' fuq wara fejn kien ipoġġi l-moħriet billi skont hu dak kien jimmarka l-passaġġ sabiex it-terz jgħaddi minnu bir-riġel.

Rigward ir-remissa jgħid li din qiegħda isfel nett tal-isqaq, iddur fuq ix-xellug. Jgħid li qatt ma ra lill-attur bil-moħriet hemm isfel. Jinsisti li minn hemm bir-riġel biss jgħaddu.

**In rieżami,**[51] jgħid li l-moħriet bil-karru dejjem tpoġġa taħt it-tinda fit-tarf tal-isqaq. Jgħid li huwa l-ħmar ma jiftakrux għax dak kien qablu. Jgħid li l-ħmar u l-moħriet flimkien mal-karru kienu tan-nannu tiegħu.

**Dr Marlin Vella**, Reġistratur tal-Artijiet, xehed[52] illi l-applikazzjoni LRAG 1706/16 saret għar-reġistrazzjoni ta' sehem ta' tliet ishma minn ħamsa (3/5) minn sqaq mingħajr numru u mingħajr isem li jiżbokka fi Triq San Ġakbu, in-Nadur. Jgħid li din saret mill-werrieta ta' Paul Buttiġieg.

[51] Fl-istess jum, 30 ta' Marzu, 2022.
[52] A fol 221 sa 227, b'dokumenti a fol 228 sa 238 u a fol 245. Irreferi wkoll għad-dokumenti esibiti mill-konvenuta a fol 248 sa 283.

Iżid li sussegwement, iżda fl-istess ġurnata, saret l-applikazzjoni 1707/16 sabiex jiġi rreġistrat is-sehem li ma kienx ġie inkluż fl-applikazzjoni 1706/16. Jgħid li l-bażi tar-reġistrazzjoni kien att korrettorju li sar fit-30 ta' Awwissu, 2016 li sar sabiex jikkoreġi att tal-5 ta' Marzu, 1998.

Jgħid li rriżulta li kien hemm *overlap* ma' proprjetà fuq in-naħa tan-nofsinhar li kienet irreġistrata fuq terzi. Iżid li l-kumplament ma ġiex irreġistrat billi huwa ma kienx sodisfatt bit-titolu.

Jispeċifika li Mary Meilak kienet irreġistrat lok ta' djar fi Triq San Ġakbu nhar it-22 ta' Mejju, 2006. Jgħid li dakinhar irreġistrat nofs (1/2) indiviż permezz tal-applikazzjoni LRA816/06 wara l-mewt ta' Grace Meilak. Jgħid li meta miet Salvu Meilak irreġistrat nofs (1/2) indiviż ieħor. Jgħid li fl-applikazzjoni 816/06 ġie inkluż il-passaġġ li allura kien inkluż mill-bidu. Jgħid iżda li wara dan saret korrezzjoni permezz tal-applikazzjoni 1116/08, u dan abbażi ta' pjanta aktar korretta, fejn ġie allura eskluż il-passaġġ.

Ikompli li wara dan, bl-applikazzjoni 138/09 l-isqaq reġa' ġie inkluż u mal-applikazzjoni ġie anness testment tal-5 ta' Ġunju, 1981 minn fejn jirriżulta li mal-legat tad-dar tħalla wkoll passaġġ suġġett għad-dritt ta' passaġġ ta' ħaddieħor. Jisħaq illi Meilak irreġistrat il-passaġġ maġenb il-fond tagħha, mentri l-attur estenda t-tul kollu tal-passaġġ. Jikkonferma li hawn qed jitkellem fuq l-istess passaġġ.

Jgħid li l-applikazzjoni ta' Buttiġieg (l-attur u ħutu) ma ġietx aċċettata billi ġie ppreżentat l-att korrettorju biss u mhux l-att oriġinali wkoll. Iżid jgħid li fl-ewwel applikazzjoni tagħhom Buttiġieg talbu r-reġistrazzjoni tal-artijiet li għandhom wara

postijiet tagħhom mentri mbagħad dehrilhom illi jagħmlu att korrettorju sabiex jirreġistraw ukoll il-passaġġ.

Ippreżenta dokumenti u pjanti inkluż, *inter alia,* minn fejn jirriżultaw ir-reġistrazzjonijiet ta' fond a favur ta' Mary Meilak inkluż il-parti mill-passaġġ *de quo* biswit il-fond tagħha bi dritt ta' passaġġ favur terzi (LRA 816/06 – d.d. 31.05.2006.[53] L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-passaġġ *de quo* fl-intier tiegħu a favur tal-attur u ħutu (LRA 1706/16 – d.d. 06.12.2016).[54] Kawżjoni fuq ir-reġistrazzjoni tal-attur u ħutu magħmula mill-konvenuta u ħutha (LRC 382/20 — d.d. 23.07.2020).[55]

Minn dokumenti addizzjonali esibiti mill-konvenuta[56] jirriżulta li wara l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-passaġġ *de quo* fl-intier tiegħu magħmula mill-attur u ħutu saret kawżjoni mill-konvenuta u ħutha li waslet lir-Reġistru tal-Artijiet sabiex bagħat l-ittra datata il-21 ta' Lulju, 2020 fejn informa lill-attur li r-reġistrazzjoni fuq il-passaġġ *de quo* ġiet iffriżata.

## Ċ. Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawża l-attur Michael Buttiġieg jgħid li huwa proprjetarju ta' sqaq mingħajr numru u mingħajr isem, liema sqaq jiżbokka fi Triq San Ġakbu, in-Nadur, Għawdex. Jgħid li huwa akkwista dan l-isqaq permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni tal-5 ta' Marzu, 1998, liema att ġie korrett b'att ieħor tat-30 ta' Awwissu, 2016. Jgħid ukoll li huwa rreġistra t-titolu tiegħu fuq l-isqaq fir-Reġistru tal-Artijiet bir-reġistrazzjoni LRAG 1707/16.

[53] A fol 228 u 229 u a fol 276 sa 283.
[54] A fol 230 sa 232 u a fol 272 sa 275.
[55] A fol 233 u a fol 249 sa 263.
[56] A fol 248 sa 283.

Skont l-attur, il-konvenuta qed timpedih milli jagħmel użu sħiħ mill-isqaq billi hija qed timla dan l-isqaq b'materjal u oġġetti tant li huwa lanqas jista' jgħaddi minn ġo fih. Jgħid li talab lill-konvenuta tneħħi l-ingombru li għamlet fl-isqaq iżda din baqgħet tinjorah u kien għalhekk li kien kostrett jintavola din l-azzjoni.

L-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa s-sid tal-isqaq u konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta dahlet f'dan l-isqaq b'mod abbużiv u illegalment għax mingħajr titolu. Talab ukoll li l-intimata tiġi ordnata tneħħi l-ixkiel kollu li tefgħet f'dan l-isqaq u jekk tonqos li tagħmel dan l-attur talab illi jiġi awtorizzat li jneħħi l-ingombru hu a spejjeż tal-konvenuta.

Il-konvenuta min-naħa tagħha tilqa' għat-talbiet tal-attur billi tgħid li l-aċċess fl-isqaq mhux ostakolat u jista' liberament jiġi eżerċitat bir-riġel. Isostni li f'azzjoni bħal dik li intavola l-attur jispetta lilu li jġib il-prova tat-titolu tiegħu fuq dan l-isqaq. Tinsisti li kemm hija kif ukoll l-awturi tagħha fit-titolu ilhom sittin (60) sena jitfgħu materjal in konnessjoni mal-forn f'dan l-isqaq u għalhekk tapplika il-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena. Tgħid ukoll li l-isqaq jifforma parti mill-art tal-awturi fit-titolu tagħha u li fuqha nbena l-forn li hemm illum. Tgħid li l-istrixxa tal-art fejn illum hija żżomm l-materjal għal forn inżammet hekk u ma nbnietx preċiżament sabiex ikunu jistgħu jużawha għad-depożitu tal-materjal. Talbet għalhekk li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu respinti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mill-assjem tal-provi prodotti waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri, jirriżultaw żewġ (2) verżjonjiet kompletament opposti għal xulxin:

L-attur jinsisti li l-isqaq bejn il-proprjetà tal-konvenuta u terzi kien sa minn dejjem miftuħ għall-użu tal-persuni kollha li għandhom ir-raba' wara l-istess sqaq, inkluż hu u l-konvenuta u familjari tagħhom, u dan, fil-wisa' kollha tiegħu ta' xi seba' (7) piedi qabel mal-konvenuta bdiet iżżomm fih materjal relatat mal-forn li tiġġestixxi. Iżid li minnu huwa u ħutu kienu saħansitra jgħaddu b'*van* mentri terz li għandu maħżen fl-istess sqaq kien anke jżomm dgħajsa fl-istess maħżen li fil-maħżen kienet tiddaħħal fuq l-idejn mill-isqaq. L-attur ressaq diversi xhieda, inkluż lill-ulied l-individwu li allegatament kellu u kien idaħħal dgħajsa f'maħżen li hemm fl-isqaq li jikkonfermaw dan kollu.

Minn naħa l-oħra, il-konvenuta ssostni li l-isqaq kien oriġinarjament ferm idjaq u twessa' biss qabel mal-ġenituri tagħha marru jgħixu fil-fond fejn anke hemm il-forn li llum tiġġestixxi hi. Tispjega li tul ix-xogħol ta' ristrutturazzjoni li għamlu l-ġenituri tagħha qabel marru jgħixu f'dan il-fond huma żammew il-bini tagħhom 'il ġewwa, fuq u lejn art proprjetà tagħhom, sabiex wessgħu l-isqaq biex b'hekk missierha, u ħuha warajh, seta' jidħol fl-isqaq l-ewwel bil-ħmar u eventwalment b'moħriet jiġbdu karru sa remissa li għandhom f'tarf l-isqaq, fuq ġewwa tiegħu, fejn kien imbagħad idahhal il-ħmar fir-remissa u jħalli l-karru, kemm waħdu tul snin kif ukoll bil-moħriet wara mewt il-ħmar, taħt kannizzata tal-injam, li eventwalemnt tbidlet għal tinda tax-xibka ħadra, li kien hemm fuq wara tal-isqaq quddiem ir-remissa tagħhom. Iżżid ukoll li fuq in-naħa tal-forn tal-isqaq, u allura fuq dik il-medda wiesgħa fl-isqaq li skontha seħħet fuq art tagħhom meta rristrutturaw l-ambjenti li

minnhom jifforma parti l-forn, dejjem inżammu ħatab u injam għall-użu fil-forn, oriġinarjamnet stivati fuq xuxlin u kontra l-ħajt tal-forn fl-isqaq, wara dan, stivati f'armarju tal-injam mdendel fl-isqaq mal-ħajt tal-forn u bħal toqba sotterrana taħt il-proprjetà tagħhom, u aktar tard f'tankijiet tal-ħadid. Il-konvenuta tressaq ukoll diversi xhieda, fosthom lil ħutha u lill-uliedha, li jikkonfermaw dan kollu b'binha jinsisti wkoll li nannuh, u allura missier il-konvenuta, dejjem insista sabiex il-ħajt tas-sejjieħ li hemm fuq wara tal-isqaq maġenb ir-remissa tagħhom u t-tinda fejn iħallu l-moħriet bil-karru ma jitnmessx għaliex dak juri l-wisa' proprja tal-isqaq li minnu hemm dritt ta' passaġġ bir-riġel u jiddistingwi dan minn dik il-wita li ħasbu għalija huma, fuq art tagħhom, sabiex jinqdew minnha għall-forn billi jistivaw fuqha dak neċessarju għall-operat tal-forn.

Il-partijiet ilkoll jaqblu li mill-isqaq mertu ta' dawn il-proċeduri jgħaddu huma kif ukoll terzi li jaħdmu raba' fl-akkwati bil-konvenuta saħansitra tgħid li l-passaġġ mhux tagħha, għajr għal dik il-porzjon li ġiet iffurmata fuq art tappartjeni lilhom u li tintuża għall-ħażna tal-injam.

L-attur jinsisti iżda li l-isqaq mertu ta' dawn il-proċeduri huwa tiegħu kollu u jgħid li dan jirriżulta mill-att ta' diviżjoni u donazzjoni rrevokabbli datat il-5 ta' Marzu, 1998 u dak ta' korrezzjoni (li jikkoreggi l-imsemmi att ta' ta' divizjoni u donazzjoni irrevokabbli) datat it-30 ta' Awwissu, 2016.

M'hemmx dubbju li l-azzjoni ttentata mill-attur hija għalhekk l-*actio rei vindicatoria* f'liema azzjoni jinkombi fuq l-attur li jipproponi l-azzjoni li jipprova b'mod konklussiv li l-proprjetà immobbli li fuqha qiegħed jippretendi xi dritt hija fil-fatt proprjetà esklussiva tiegħu, ad esklużjoni tal-konvenuta.

Il-kawża rivendikatorja hija bbażat fuq l-allegazzjoni tal-attur li huwa għandu drittijiet ta' proprjetà assoluta fuq l-isqaq fil-wisa' kollu tiegħu, ossia, l-isqaq ta' cirka tnejn u ħamsin metru kwadru (52 m.k.) li jiżbokka fi Triq San Ġakbu, in-Nadur, Għawdex, li l-attur jgħid li ġie in parte użurpat mill-konvenuta meta din stivat fih diversi oġġetti li dejqu l-wisa' tal-isqaq u qed itellfu l-użu tiegħu mill-attur.

F'din it-tip ta' azzjoni, il-piż tal-prova anqas m'hu bħal f'azzjonijiet civili oħrajn ossia, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, iżda l-oneru fuq l-attur huwa assolut. Fil-fatt, jekk il-konvenut jipprova titolu dan huwa ta' ostakolu għall-azzjoni tal-attur iżda, fin-nuqqas tal-konvenut li jipprova titolu ma tissustiex awtomatikament it-teżi tal-attur.

Fuq dan, hemm skorta ta' kitbiet minn varji awturi kif ukoll deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani.

*In succinct*, biżżejjed jingħad li l-awturi **Baudry Lacantinerie**, li kitbu fid-dettall fuq ir-rekwiżiti tal-*actio rei vindicatoria*, jgħidu, *inter alia*:

> *Le distinzioni seguenti permettono di classificare le soluzioni consecrate dalla giurisprudenza: (1) l-attore produce un titolo e il convenuto non lo produce; (2) l-attore ed il convenuto producono l'uno e l'altro un titolo, (3) nessuna delle parti in causa areca un titolo.*
>
> *Nella teoria si afferma volentieri, che il convenuto non deve preoccuparsi della prova, che il solo attore ne ha l'onore.*[57]

[57] Trattato di Diritto Civile, Vol. VI, p. 190 – 192.

Fuq il-grad tal-prova li jrid iressaq f'dan is-sens l-attur, l-istess awturi jgħidu:

*Occorre ben inteso, che i titoli prodotti dall'attore siano abbastanza chiari e precizi, e il giudice ha piena liberta di eliminare come incomplete oscuri o dubbi, sovratutto se contengono dichiarazioni ambigue sulla designazione della cosa rivendicata.*[58]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-28 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Pawlu Chricop et vs Rita Micallef et***,[59] ingħad:

*L-azzjoni ta' din ix-xorta titlob minn min jipproponiha prova djabolika fis-sens li* ***l-attur għandu jipprova lill hinn minn kull dubbju*** *li huwa l-proprjetarju tal-immobbli li qed jirrivednika. Minn naħa tal-konvenut dan m'għandux għalfejn javvanza l-ebda difiza jew li jipprova xi titolu fuq l-art fil-pussess tiegħu sakemm l-attur ma' jkunx ipprova li hu kien il-proprjetarju.* [Enfażi miżjuda]

B'mod simili, l-awtur **Pacifici Mazzoni** jfisser illi:

*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe dove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria… L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore*

[58] Trattato di Diritto Civile, Vol. VI, p. 190 – 192.
[59] Kollezz. Vol. LXXXIV-II-155.

*della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Dove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii: actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis….La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefraġabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da Aubry e Rau, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta probatio diabolica. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole: 1.Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto…. 2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi […] 3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della*

*sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;…. Del resto la prova della proprieta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente dove trattisi di rivendicare un dominio antico. Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali.*[60]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, insibu lill-Qrati tagħna jispjegaw illi:

*L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjetà fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – 'melior est conditio possidentis'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-pussessur konvenut'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105)* […][61]

[60] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; Vol.III. Para. 131-134, p. 207 et seq.

[61] Ara wkoll 3 l-Appell Ċivili: Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg: 17.11.1958; Kollez.Vol.XLII.pt.I.p.575 u d-deċiżjoni mogħtija nhar it-3 ta' Ġunju, 2014 fl-ismijiet William Portelli vs Peter Paul Portelli, Ċitazz. Nru 49/1994/1.

Hekk ukoll ingħad illi:

> *Rekwiżiti għall-eżerċizzju tal-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li l-konvenut ikun qed jippossediha.*
>
> *Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu tal-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu.*[62]

Abbażi ta' dawn il-prinċipji stabbiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, u ġaladarba jidher ċar mir-Risposta Ġuramentata u mix-xhieda tagħha li l-konvenuta mhijiex teċċepixxi titolu ta' proprjetà, iżda qiegħda tgħid illi l-isqaq huwa intiż għall-passaġġ bir-riġel li għadu liberament disponibbli, li dik il-parti tal-isqaq li skont l-attur ġiet użurpata minnha tħalliet appożitament mhux mibnija mill-awturi tagħha sabiex tintuża kif qiegħda tużaha hija, u hija fil-fatt fil-pussess tagħha, u li f'kull każ, hija u l-awturi tagħha ilhom fil-pussess ta' tali parti tal-isqaq għal fuq minn sittin (60) sena u għalhekk tapplika wkoll il-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena; l-oneru tal-prova jaqa' fl-ewwel lok fuq l-attur li jrid jipprova inekwivokament it-titolu tiegħu.

---

[62] Ara d-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla nhar is-16 ta' Mejju, 1963, fl-ismijiet Giuseppi Abela -vs- John Zammit.

In sostenn tal-pretensjoni tiegħu l-attur jistrieħ fuq żewġ kuntratti, l-att ta' diviżjoni u donazzjoni irrevokabbli datat il-5 ta' Marzu, 1998 u dak ta' korrezzjoni (li jikkoreġġi l-imsemmi att ta' diviżjoni u donazzjoni irrevokabbli) datat it-30 ta' Awwissu, 2016. Iressaq ukoll dokumenti li juru r-reġistrazzjoni tal-proprjetà li jgħid li hija tiegħu, ossia l-isqaq mertu ta' dawn il-proċeduri.[63]

Ma jressaq ebda xhieda li jikkonfermaw li l-isqaq in mertu huwa kompletament u jew unikament proprjetà tiegħu.

Fl-att ta' diviżjoni u donazzjoni irrevokabbli, jirriżulta biss li l-attur, flimkien ma' ħutu u ommhom Rosaria Buttiġieg, qablu fuq id-diviżjoni ta' diversi proprjetajiet li kienu jħaddnu in komunjoni wara l-mewt ta' missierhom, ir-raġel ta' ommhom, u, almenu fil-każ tal-attur, qablu wkoll li l-proprjetajiet li messew lilu bid-diviżjoni kellhom (kif fil-fatt ġew) jiġu kristallizzati f'ishma sħaħ b'donazzjoni irrevokabbli magħmula mill-omm tas-sehem spettanti lilha. B'hekk, kull ma akwwista b'dan l-att l-attur, akkwistah fis-sehem intier tiegħu.

Lill-attur b'hekk messewh is-segwenti proprjetajiet:

**Bid-diviżjoni:** Nofs (1/2) indiviż minn porzjon diviża mid-dar numru sittax (16) Triq is-Simar, il-Qala b'mandra annessa magħha, bil-porzjon diviża tokkupa arja tal-kejl ta' cirka erba' mija u disgħa u segħbin punt wieħed metru kwadru (479.1 m.k.) u tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Joseph Rapa, Punent ma' beni ta' Nazzareno Buttiġieg, u Nofsinhar ma' Triq is-Simar. **Bid-donazzjoni:** in-nofs l-ieħor tal-istess dar.

[63] Ref. dokument ta' reġistraizzjoni mar-Reġistru tal-Artijiet a fol 272 sa 275.

**Bid-diviżjoni:** Tliet ishma indiviżi minn ħames ishma indiviżi (3/5) minn porzjon diviża minn biċċa raba' akbar magħrufa bħala "Il-Barriera" fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, bil-parti diviża tal-kejl ta' cirka elf tletin punt ħamsa metru kwadru (1,030.5m.k.) u tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Paul Debono, Punent ma' beni ta' Rose Borg, u Nofsinhar ma' Triq Daħlet Qorrot. **Bid-donazzjoni:** iż-2/5 ishma l-oħra tal-istess proprjetà.

**Bid-diviżjoni:** Nofs indiviż (1/2) minn porzjon diviża minn biċċa raba' akbar magħrufa bħala "It-Telgħa ta' Cini" fil-limiti tal-Qala, bil-parti diviża tal-kejl ta' cirka tmien mija u seba' punt ħamsa metru kwadru (807.5 m.k.) u tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Joseph Vella, Nofsinhar ma' beni ta' Rose Borg, u Tramuntana ma' beni ta' Nazzareno Buttiġieg. **Bid-donazzjoni:** in-nofs l-ieħor tal-istess proprjetà.

**Bid-diviżjoni:** Tliet ishma indiviżi minn ħames ishma indiviżi (3/5) minn biċċa raba' magħrufa bħala "Il-Ħamrija" fil-limiti tan-Nadur, l-intier tal-kejl ta' cirka elf seba' mija u tnejn u tmenin metru kwadru (1,782 m.k.), tmiss mill-Punent ma' beni ta' Salvu Portelli, Lvant ma' beni ta' John Muscat, u Tramuntana ma' Triq Dahlet Qorrot. **Bid-donazzjoni:** iż-2/5 ishma l-oħra tal-istess proprjetà.

**Bid-diviżjoni:** Tliet ishma indiviżi minn ħames ishma indiviżi (3/5) minn porzjon diviża minn biċċa raba' akbar magħrufa bħala "Il-Mandra tan-Nannu" fil-limiti tan-Nadur, bil-porzjon diviża tal-kejl ta' cirka erba' mija u sebgħa u sebgħin punt tmienja metru kwadru (477.8 m.k.) tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Anthony Buttiġieg, Punent ma' beni ta' Frank Portelli, u Nofsinhar ma' beni ta' Paul Attard. **Bid-donazzjoni:** iż-2/5 ishma l-oħra tal-istess proprjetà.

Mill-propjetajiet imsemmija biss u mill-provi akkwiżiti, din il-Qorti ma hix f'pożizzjoni tiddeċifra liema minn u jekk dawn il-proprjetajiet taffetwa l-isqaq mertu ta' din il-vertenza, jew it-titolu pretiż mill-attur fuq l-istess.

L-isqaq effettivament jissemma biss fl-att ta' korrezzjoni datat it-30 ta' Awwissu, 2016 fejn dehru ħut l-attur kollha, f'isimhom u bħala suċċessuri fit-titolu ta' ommhom Rosaria Buttiġieg (li sa dakinhar kienet mietet stante li mietet fl-4 ta' Marzu, 1999) u kkonċedew korrezzjoni a favur tal-attur billi għamlu referenza għall-att ta' diviżjoni u donazzjoni tal-5 ta' Marzu, 1998, u għal dik il-bicca raba' magħrufa bħala "Il-Mandra tan-Nannu" fil-limiti tan-Nadur, bil-porzjon diviża tal-kejl ta' cirka erba' mija u sebgħa u sebgħin punt tmienja metru kwadru (477.8 m.k.), u ddikjaraw li dakinhar tad-diviżjoni huma ma semmewx bħala parti integrali minn din il-porzjon raba' l-proprjetà ta' sqaq mingħajr numru u mingħajr isem li jiżbokka fi Triq San Ġakbu, in-Nadur u li jiġi fuq in-naħa tal-Lbiċ tal-istess raba' u li jmiss mil-Lvant ma' beni ta' Maria Meilak, Punent ma' beni tal-eredi ta' Pawlu Attard, u mil-Lbic ma' Triq San Ġakbu. Ġie dikjarat ukoll illi dan l-isqaq ġie għalhekk ukoll assenjat lill-attur Michael Buttigieg.

Il-Qorti inoltre tosserva li x-xhieda kollha prodotta mill-attur u ta' terzi li ressaq, tistrieħ iżda fuq il-mod u manjiera li bih kien jintuża l-isqaq, ossia; kif huma u terzi, inkluż il-konvenuta jew l-awturi tagħha, kienu jgħaddu minnu, u insistew li l-isqaq kien dejjem jinżamm vojt tant li l-attur jgħid li seta' jgħaddi b'*van,* kif jgħid ukoll ħuh, mentri terzi li ressaq bħala xhieda l-attur jinsistu wkoll li anke dgħajsa kieket tgħaddi mill-isqaq.

Rigward it-titolu tiegħu fuq l-istess sqaq l-attur jgħid biss li dan dejjem tnissel minn wirt għal wirt sa me ġie għandu mentri terzi jgħidu biss li huma hekk jisimgħu; li hemmhekk huwa tal-attur.

Ma tressqet ebda prova mill-attur tat-titolu ta' proprjetà pretiż minnu fuq l-isqaq.

F'dan ir-rigward, xhieda important li tresqet mill-konvenuta, apparti dik konsistenti tagħha u ta' familjari tagħha, rigward kif seħħ l-isqaq fil-wisa' li huwa u kif kien jintuża l-istess u x'kien jinżamm fih tul iż-żminijiet, hija dik ta' Dr Marlin Vella, Assistent Reġistratur tal-Artijiet, minn liema, permezz anke tad-dokumenti esibiti mill-istess xhud u aktar tard b'nota tal-konvenuta,[64] jirriżulta kjarament li ċerta Mary Meilak, attriċi fil-kawża numru 125/2003 PC, li tagħha l-atti ġew allegati f'din l-istanza u li kienet diġà għamlet pretensjonijiet simili għal dawk odjerni tal-attur f'din l-istanza fuq l-isqaq kontra l-konvenuta odjerna u ommha, liema pretensjonijiet kienu lkoll ġew respinti in toto bid-deċiżjoni numru 125/2003 PC mogħtija nhar is-7 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet ***Maria Meilak vs Maria Attard et***, kienet irreġistrat a favur tagħha fond inkluż il-parti mill-passaġġ *de quo* biswiet l-istess fond bi dritt ta' passaġġ favur terzi (LRA 816/06 – d.d. 31.05.2006).[65] Aktar tard, l-attur għamel applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-passaġġ *de quo* fl-intier tiegħu a favur tiegħu u ta' ħutu (LRA 1706/16 – d.d. 06.12.2016)[66] fuq liema saret kawzjoni mil-konvenuta u ħutha (LRC 382/20 – d.d. 23.07.2020).[67] Il-kawzjoni tal-konvenuta wasslet lir-Reġistru tal-Artijiet sabiex bagħat l-ittra datata l-21 ta' Lulju, 2020 fejn

[64] Irreferi għax-xhieda ta' Dr. Marlin Vella a fol 221 sa 227, dokumenti esibiti minnu a fol 228 sa 238 u dawk esibiti b'nota mill-konvenuta a fol 246 sa 283.
[65] A fol 228 u 229 u a fol 276 sa 283.
[66] A fol 230 sa 232 u a fol 272 sa 275.
[67] A fol 233 u a fol 249 sa 263.

informa lill-attur li r-reġistrazzjoni fuq il-passaġġ *de quo* ġiet iffriżata. Mistoqsi jgħid għaliex wasal għal dan l-iffrizar fuq l-isqaq in mertu ta' dawn l-proċeduri r-Reġistratur tal-Artijiet sostna, fil-fatt, li dan kien għaliex kien hemm *overlap* ma' proprjetà fuq in-naħa tan-Nofsinhar li kienet irreġistrata fuq terzi. Iżid li l-kumplament ma ġiex irreġistrat billi huwa ma kienx sodisfatt bit-titolu.

Tenut kont ta' dan, u tal-fatt li l-attur stess jindika, fix-xhieda tiegħu mogħtija f'din l-istanza kif ukoll dik mogħtija fil-proċeduri numru 125/2003 PC li tagħha ġew allegati l-atti f'din l-istanza,[68] li ħaddieħor (isemmi lil Meilak u Attard) għandhom aċċess mill-isqaq u jgħid ukoll li huwa akkwista ishma fl-isqaq li kienu ta' ċertu terz magħruf bħala "Ta' Vestru" u dan bis-subbasta f'xi l-2007 iżda jonqos milli jġib prova univoka almenu ta' dan;[69] din il-Qorti tosserva li quddiemha nġiebu l-istess provi, jew provi simili li nġiebu quddiem ir-Registratur tal-Artijiet u li jekk dan tal-aħħar ma kienx sodisfatt bit-titolu wisq anqas hija hi meta f'azzjoni bħal din hija marbuta bi grad ta' prova aktar laborjuż minn dak ta' bilanċ ta' probabbiltajiet.

Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li d-dominju, ossija l-proprjetà fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika ma ġietx ippruvata mill-attur fil-grad meħtieġ tenut kont tat-talbiet tiegħu u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

---

[68] Ara traskrizzjoni mill-proċess 125/2003 PS a fol 264 sa 271 tal-proċess ta' dawn il-proċeduri.
[69] Il-Qorti tinnota illi li man-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu l-attur ippreżenta dokument rigward subbasta għal liema saret oġġezzjoni u ntalab l-isfilz b'rikors tal-konvenuta tal-5 ta' Lulju, 2022 wara liema rikors il-Qorti ordnat l-isfilz tad-dokument permezz ta' digriet tal-5 ta' Awwissu, 2022.

Jiġi osservat ukoll li fin-nota tal-osservazzjonijet tiegħu l-attur jikkontendi wkoll li f'każ li l-Qorti tħoss li l-kriterji rigorużi tal-azzjoni rivendikatorja ma ġewx ippruvati, huwa għandu jedd jipprova titolu aħjar minn tal-konvenuta permezz tal-prinċipji tal-*actio publiciana*.

Huwa minnu illi f'xi każijiet remoti din l-azzjoni ġiet dikjarata ammissibbli fis-sistema ġuridika tagħna, iżda teżisti kontroversja fid-dottrina f'dan ir-rigward.[70]

Infatti ntqal illi:

> *Azione rivendicatoria e publiciana si possono cumulare - le disposizioni dell'Ord. No.VII del 1868 non le hanno abolite - in difetto di titolo, la prova del dominio o del posseso e' permesso con ogni altro mezzo legale.*[71]

u

> *Fid-Dritt Ruman, kien hemm, minbarra minn l-actio reivendicatoria, li għaliha meħtieġa l-prova tad-dominju f'min iqanqalha, ukoll l-actio publiciana li għaliha hija meħtieġa l-prova biss ta' pussess f'min iqanqalh aħjar mill-pussess ta' l-imħarrek. Milli jidher, l-actio publiciana mhux biss għadha sseħħ fostna, iżda tista' tingħaqad f'ċitazzjoni waħda ma' l-azzjoni rivendikatoria.*[72]

Ġie mfisser ukoll li fid-dritt Ruman:

[70] Ara L. Borsari: Commentario del Codice Civile Italiano, 1872, Vol. II, Pġ.157.
[71] Ara: Michele Attard nomine -vs- Felice Fenech, Appell, 28.04.1875, Kollez. Vol. VII. 390.
[72] Ara: Alosia Fenech et. -vs- Francesco Debono et, Prim'Awla, 14.05.1935.

> *Quest'azione fu conceduta a chi non aveva posseduto una cosa si lungamente da usucapirla, ma che si trovava in condizione di usucapirla: allora il possessore era trattato dal pretore, come se avesse compiuta l'usucapione. Lo scopo e gli effetti della publiciana erano identici a quelli della rivendicazione… Tuttavia le due azioni differivano in cio' che l'attore nella rei vindicatio doveva provare il suo diritto di proprieta', mentre nella publiciana bastava che provasse il giusto titolo del suo possesso, per cui si trovava in condizione di potere usucapire… L'azione publiciana era accordata non soltanto avverso il possessore senza titolo, ma altresi' contro il vero proprietario.*[73]

Din l-azzjoni kienet tagħti għalhekk protezzjoni lill-pussessur li ma jkunx għadu akkwista titolu ta' proprjetà bis-saħħa tal-preskrizzjoni, biex jerġa' jirriakkwista l-pussess mingħand min ikun ħadulu.

Fil-kaz in eżami l-attur iżda mhux qed jitlob qua possessur li jerġa' jiġi reintegrat fil-pussess tal-isqaq allegatament tiegħu, imma qiegħed jitlob ir-rivendika tiegħu. L-*actio publiciana* setgħet biss, f'kaz favorevoli għall-attur, terġa' tagħtih biss il-pussess u mhux ukoll li tiddikjarah proprjetarju, kif appuntu qed jitlob l-attur li jsir fil-kawża preżenti.

Għaldaqstant, l-attur ma jistax anqas jikseb suċċess kif pretiż minnu abbażi tal-*actio publiciana*.

Il-Qorti tosserva wkoll l-argument li jressaq l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu li huwa akkwista titolu fuq l-isqaq permezz tal-preskrizzjoni akkwisittiva deċennali mid-data tal-att

[73] E.Pacifici-Mazzoni 3za ed.1884 vol. III. nota a pag. 208

ta' diviżjoni u donazzjoni irrevokabbli tal-5 ta' Marzu, 1998 u dan abbażi tal-Artikolu 2140 tal-Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra:

> **2140**. *(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, jakkwista l-proprjetà tagħha.*
>
> *(2) Jekk it-titolu jkun ġej minn att li, skont il-liġi, għandu jkun inskritt fir-Reġistru Pubbliku, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi ħlief mill-jum tal-iskrizzjoni ta' dak l-att.*

Hawnhekk, jingħad sempliċiment li mhux biss fuq ammissjoni tiegħu stess, iżda anke mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta mingħajr dubju li l-attur m'għandux il-pussess tal-isqaq li jippretendi li ppreskriva favur tiegħu. Dan huwa ulterjorment ikkonfermat mill-atti tal-proċeduri li wasslu għad-deċizjoni numru 125/2003 PC mogħtija nhar is-7 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet ***Maria Meilak vs Maria Attard u Grace Farrugia***, l-atti ta' liema ġew allegati ma' ta' din l-istanza. Għaldaqstnt, ma' tissustiex it-teżi tal-attur li akkwista permezz tal-preskrizzjoni, la deċennali u wisq anqas trentennali taħt l-Artikolu 2143 tal-istess Kap. 16 stante li t-tletin (30) sena mill-1998 mank ghadhom għaddew.

Rigward l-argument tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenuta, il-Qorti tosserva li f'dan il-każ, tenut kont li l-kawża odjerna ġiet ittentata mill-attur abbażi tar-rivendikatorja liema azzjoni falliet fil-mertu; din il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha ulterjorment dwar din l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

**Decide:**

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula u għall-motivi ġa espressi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

Bl-ispejjeż a karigu tal-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur